**MALTA**

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tal-31 ta' Jannar 2019**

**Fl-atti tar-rikors numru 111/2018 SG**

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited (C2521)**

**vs**

**M & V Food and Beverages Imports Limited (C53102)**
**u**
**Joseph u Maria Rosaria konjugi Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz li permezz taghha is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimati jhallsuha solidalment bejniethom s-somma ta' erbatax-il elf, hames mija tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tmenin centezmi (EUR 14,582.84) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut minnhom a tenur ta' skrittura privata datata erba' (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), kopja annessa bhala Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ntavolat kontestwalment u bl-imghax legali dekorribbli mill-4 ta' Lulju 2016 sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti in solidum, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut M & V Food and Beverages Imports Ltd et u Joseph Micallef ta' l-10 ta' Jannar 2019, li permezz taghha it-talbiet ta' l-atturi gew ammessi.

**Decide**

Ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni, il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf hames mija tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tmenin centezmi (EUR 14,582.84) bl-imghax legali dekorribbli mill-erba' (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) sal-jum tal-hlas effettiv. L-ispejjez ta' din il-kawza kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ntavolat kontestwalment ma' din il-kawza ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenuti in solidum.

**Dr Simone Grech LL.D**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**